

# Għidut, Twemmin, Drawwiet u Leġġendi

Daħla

Kif jixhed is-suġġett ta' din il-kitba, qed jinkiteb dak li hu taħlita ta' użanzi, impressjonijiet, stili ta' ħajja, drawwiet u qwiel kif ukoll għidut, li kienu jingħadu minn persuni ta' awtorita' jew imdaħħla fiż-żmien u akkwistaw esperjenzi mill-ħajja. Fis-seklu li għadda id-dinja għaddiet minn żewġ gwerer kbar dinjija barra oħrajn f'diversi nħawi tad-dinja u ġraw ħwejjeġ li fl-imgħoddi kienu jitqiesu bħala fantasija. Ir-riperkussjonijiet tagħhom aktarx għadhom jeżistu u jiċċirkulaw fi żmienna. Fl-imgħoddi mhux wisq imbiegħed ma kienx hawn il-mezzi ta' komunikazzjoni moderni, meta l-irħula u l-ibliet f'Malta tagħna kien hemm distanza li tifridhom, l-istili ta' ħajja kienu xort'oħra minn dawk ta' llum meta d-dinja tagħna saret qisha raħal wieħed (skond kif iqis Mc Luhan) u dak li jkun qed jiġri mqar fl-ibgħad post tad-dinja permezz tat-televixin, mobiles u kompjuters sirna narawh hekk malajr u viċin. Mhux anqas li niġġudikaw ġrajjiet u għidut ta' l-imgħoddi bl-istess kriterji ta' llum; iżda dejjem jibqa' veru li l-istorja hi l-imgħalma tal-ħajja u dak li ġara ikollu b'xi mod riperkussjoni fil-ġenerazzjoni li tiela', li ma tafx tistenna, li trid kollox issa u malajr, tgawdi b'kull mod il-pjaċiri li toffri d-dinja; donnu kif jaħsbuha xi wħud, għada ħadd ma raħ. Naqas ukoll is-sens ta' impenn. Donnu sar wisq iebes li torbot ruħek li twettaq a (inzomm il-kelma li tajt) a kwalumkwe kost, Ma tantx sirna nirrispettaw bħal qabel l-awtorità, għax din trażżan jew tillimita r-rieda ħielsa tal-bniedem, l-isbaħ rigal li Alla ta' lill-krejatura mogħnija bir-raġuni

Dan kollu bħala premessa għal dak li qed jinkiteb f'dan l-artiklu. Mą nistgħux niċħdu li f'Malta tagħna, ir-Reliġjon kellha nfluss kbir fuq l-istil tal-ħajja tal-poplu. Veru li ma kellux l-opportunità li jeduka ruħu kulturalment bħal fi żmienna u l-intelligentsia kellha nfluss mhux negliġibbli fost il-poplu. L-edukazzjoni frott ta' trobbija tajba kienet toriġina mid-dar; is-sens ta' dixxiplina u ordni, rispett xi kultant oriġinat mill-biża' tal-kap tal-familja, aktarx il-missier, tawna familji tajbin, ħawtiela, jibżgħu għas-sold, ma jberbqux, jaħsbu għal għada għal xi emerġenza li tista tiġi fuq il-familja. Il-kappillan, it-tabib u l-avukat kienu jkunu mfittxija għal pariri u kelmthom u fehmithom kien ikollha piż fuq l-istil ta' ħajja ta' dawk fil-bżonn. Ċerti proverbi li waslu għandna, frott ta' esperjenza u ħajja mgħixa, (vita vissuta), għadhom attwali.

Waħda mill-virtujiet kardinali hi l-prudenza (l-oħrajn huma t-temperanza, il-ġustizzja u l-qies) Din titlob mill-bniedem sens ta' rażan fuqu nnifsu u self control. Illum issib min jiftaħar li kelma ma jżommhiex iżda jistqarr li ta' żaqqu f'fommu u ma kienx jitqies li titkellem meta għandek titkellem u kif tesprimi ruħek, tisma' u tevalwa. Għadhom jeżistu qwiel per eżempju s-skiet risposta; Li kien il-kliem ġawhar, is-skiet aħjar minnu; Min jistenna jithenna; Żomm għajnejk waħda magħluqa u l-oħra nofsha mbexxqa; Aħjar uff minn aħħ; Rajt ma rajtx u smajt ma smajtx. Dan ta' l-aħħar hu miktub fuq lapidali fl-imgħoddi kienet imnaqqxa bil-blue fuq lapida f'tarf ta' Sqaq is-Sali. Jingħad li wieħed minn żewġ ħbieb ġie maqtul minn sieħbu wara xi tilwima; Meta mar jistaħba fis-sqaq biex idabbar rasu, il-qattiel staqsa lil xi ħadd għaddej u tah ħjiel fejn kien sieħbu li safa minnu maqtul. Mr Paul Caruana (RIP) ikkompona song li għadha popolari sa lum

It-twemmin nisrani kellu nfluss kbir fuq l-istil ta' ħajjiet ta' missirijietna. Ħażen dejjem kien hawn, iżda kien jinħeba. Il-qawl igħid li dnub mistur nofsu maħfur. Il-prattika tar-Reliġjon kienet karatteristika tal-familja maltija. Tagħlim reliġjuż kien isir. Kultant xi waħda sgarrata kienet tgħaddi wkoll u ġidba għal bżonn mhix dnub. Il-kappillani kienu obbligati li kull nhar ta' Ħadd filgħaxija jgħallmu l-katekiżmu lill-adulti. Fiż-żmien tar-Randan kienu jsiru korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali għal kull kategorija tal-poplu. Kull laqgħa kienet tinqasam f'żewġ partijiet, cioe' eżortazzjoni u meditazzjoni u kienu jieħdu sehem żewġ predikaturi. Ma kienx jintuża l-pulptu, iżda jintrama palk għoli f'nofs il-kursija u jitpoġġa fuqu xbiha imponenti ta' Ġesu' Msallab. Il-kontenut tat-taħdidiet kien ikun il-kruha tad-dnub, u il-kastig etern tal-infern u l-ħniena t'Alla li jistedinna għall-indiema. L-aħħar prietka kienet tintemm bil-barka papali wara fervorin devot. Kienu aktar spissi l-attivitajiet tal-Missjoni l-Kbira addetta għall-kbar u ż-żgħira hi kienet tilħaq aktar lill-adolexxenti u tfal fil-postijiet tad-duttrina u skejjel. Diversi saċerdoti imsieħba fihom, billi t-trasport ma kienx bħal llum, il-predikaturi kienu joqgħodu f'dar mikrija apposta fir-raħal jew belt, biex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom ta' xandara tal-bxara t-tajba lill-parruċċani sa mis-sigħat bikrin ta' filgħodu, meta l-poplu kien ibakkar jattendi għalihom bi ħġaru. Kienu jżuru l-morda li ma joħorġux, u l-kappillan kien jindikalhom persuni li ma jkunux pratikanti biex ikellmuhom huma. Din il-missjoni kienet aktarx iddum għal ħmistax il-jum

Ir-Randan, erbgħin jum qabel l-għid il-Kbir u l-jiem tal-Kwattrutempri (quatuor tempora jew 4 żminijiet) li kienu tliet ġranet qabel kull staġun u l-Vġejjel Kmandati jew lejlet il-Milied, l-Madonna Assunta, il-Qaddisin kollha u Pentekoste, kienu ġranet ta' sawm u ma jistax jittiekel laħam. Is-sawm kien isir taħt ċerti regoli, fosthom l-antiki kienu jipprattikaw dak li kienu jsejħu magru strett jew la jjieklu bajd, laħam u ma jixorbux ħalib. Uħud li jkollhom piż żejjed f'ġisimhom kienu jgħidulhom Ejja Randan. Billi Ras ir-Randan jiġi qabel il-bluhat tal-Karnival, kull min ikun tbellaħ xi ftit f'jiem il-bluha, kellu l-obbligu li jmur Żabbar fejn hemm is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u jieħu sehem fil-pellegrinaġġ ta' Ħadd in-Nies bħala tpattija, attivita' li għadha attwali

Ladarba issemmew il-pellegrinaġġi, li wara kollox ma humiex attivitajiet strettament liturġiċi, għalkemm għandhom ħafna xebh magħhom, niftakar żmien meta kien ikun hemm nuqqas konsiderevoli ta' xita, f'Birkirkara kienu jiġu ppjanati pellegrinaġġi għas-Santwarju tal-Madonna tal-Mensija waqt li jingħad ir-Rużarju matul it-triq tassew twila. Din id-devozzjoni marjana hi għożża tal-karkariżi. Sa minn mijiet ta' snin kellna mwaqqfa l-Fratellanza tas-Santissmu Rużarju. Bosta kienu jinkitbu fiha u minħabba s-suffraġji annessi jew marbuta magħha, dawk li ma jkunux laħqu nkitbu, Iħallu fit-testment li jiġu miktuba. Ir-reċita tar-Rużarju kienet waħda mid-devozzjonijiet marjani fil-familja. Miġbura madwar niċċa tal-Madonna f'post speċjali fid-dar, bid-dawl talt-tazza taż-żejt tixgħel bil-lumini li jkunu fiċ-ċimblor, il-kap tad-dar flimkien ma' martu jgħidu r-Rużarju u l-Litanija kienet tingħad bil-Latin, aktarx imfarrak.

Ir-Rużarju sa snin ilu kien ukoll jiġi reċitat minn persuni fit-toroq. Din id-drawwa kien bdiha ċertu Ġanni Sammut, imlaqqam ta' Blatu, u Gio Maria Debono, imlaqqam Ġamri z-Zir, li kien katekista fl-Oratorju Festiv San Domenico Savio. Grupp ta' tfal kienu jissejħu minn Ġanni, jixtrilhom qanpiena u kull filgħaxija kemm jekk Sajf u/jew xitwa jirreċitaw ir-Rużarju. Kull sena kien jagħmillhom festin, isejjaħ sacerdot jagħmilhom konferenza u jagħmlilhom f'daru refreshments. Niftakar fost il-kelliema mistiedna minn Ġanni, lil Patri Beneditt Fsadni O. P. u darba minnhom stieden lil San Dun Ġorg Preca. Snin wara, Ġanni Borg taż-Żundajru kien xtara amplifier u loudspeakers ikkumnikati bil-wire mat-toroq ewlenin ta' Birkirkara u r-reċita kienet issir mill-kampnar quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp fil-Bażilka. Damet din id-drawwa ssir sakemm l-inkarigat irċieva ordni li titwaqqaf ħesrem din id-drawwa. Il-poplu kien dara din id-devozzjoni u kien jieħu sehem bi ħġaru, u dawk li jkunu fil-ħwienet ta' l-imbid, kienu jieqfu u jirreċitaw ir-Rużarju mat-tifel.

Ladarba ssemmiet il-Fratellanza tar-Rużarju, ta' min isemmi wkoll is-Sodalita' tal-Agunija imwaqqfa fl-artal ta' Ġesu' Msallab. Fiha jinkitbu dawk li waqt il-ħin tal-agunija tagħhom qrib tmiem ħajjithom, ikunu assistiti minn saċerdot u jsir talb apposta fl-artal tas-Santissimu Sagrament quddiem Ġesu' espost b'talb apposta biex ikollhom mewta tajba. Niftakar li dak li jitlob 'coram exposito'

kien hemm il-kjeriku permanenti Carmelo Bonavia mlaqqam 'in-Najju'. Drabi oħra kien ikun qassis li jgħid dan it-talb maħsub għall-agonizzanti. Ma kienx hemm massimu ta' ħin u ġie li l-adorazzjoni kienet titwal aktar minn siegħa. Mhux l-ewwel darba li mat-talb preskritt għall-agonizzanti kien jinqara rakkont tal-Passjoni tal-Mulej skond San Ġwann. B'xorti ħażina din id-drawwa twaqqfet, bħal ma twaqqaf il-Vjatku lill-moribondi. Kien ikun hemm sinjal tal-qanpiena mill-kampnar u n-nies kienu jmorru jakkompanjaw is-Santissmu, merfugħ minn qassis bil-verumeral fuq spallejh u taħt umbella tad-damask abjad. Kien jinġarr stendard żgħir aħmar, tfal biż-żimarra ħamra jġorru speċi ta' girandola żgħira fejn jitpoġġa s-Santissimu fid-dar tal-marid sakemm tingħatalu d-dilka tal-morda u l-assoluzzjoni. In-nies kienu jakkompanjaw sad-dar tal-marid u jkomplu jitolbu sakemm il-qassis ilesti dak li għandu jagħmel. Wara jirritorna l-parrocca u tingħata l-barka sagramentali. Matul it-triq wieħed minn taż-żimarra jagħmel sinjal b'qanpiena apposta biex in-nies matul ir-rotta joħorġu jqimu lil Ġesù. Niftakar li fil-ħin li jkun dalam kienu joħorġu fil-bieb bil-lampa tal-pitrolju tixgħel. Sa żmienna kull Novembru titqaddes quddiesa u uffiċjatura b'suffraġju għal dawk li kienu miktuba fis-sodalita' msemmija.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-drawwiet reliġjużi daħlu ċerti użanzi, li llum, narawhom f'lenti oħra. Niftakar id-devozzjonijiet li kellhom missirijietna lejn xi oġġetti konnessi mal-kult. Niftakar lill-Kanonku Dun Karm Bezzina iqassam pakketti b'biċtejn xema' go fihom. Waħda tkun mix-xema mbierka tal-Kandlora (2 ta' Frar) u l-oħra lewn kannella ċar, biċċa mill-ħmistax il-xema li kienu jinxtegħlu waqt ir-reċita korali tat-Triduo Santo. Magħhom kien ikun hemm ukoll biċċa żigarella bajda li biha kien jorbot il-korporal madwar il-pissidi li jitpoġġa fl-artal tar-reposizzjoni (Sepulkru). Kienu jżommuhom b'għożża kbira meta ma kontx issib lil xi ndividwu li kien jagħmel borża ckejkna għamla ta' labtu u jilbisha jew iżommha fuqu bħala ħarsien minn xi għajn, xi uħud tant jemmnu biha ukoll fi żmienna. Kienu wkoll jinżammu xi weraq taż-żebbuġ li jitbierek f'Ħadd il-Palm. Ħaġa li tiskantak hi li xi emigranti anzjani li ħallew gżiritna snin ilu, baqgħu iżommu din id-drawwa, u meta jżuru Malta, kien hemm min talabni weraq taż-żebbuġ imbierek. Mhux l-ewwel darba li fi tfulitna konna inqabbdu ġo taġen tal-metall dan il-weraq u f'Sibt il-Għid filgħodu induru mad-dar u ngħidu l-Kredu bil-fehma li l-Mulej jeħles lil min jgħix hemm minn kull għawġ.

Issemmiet il-għajn (mhux il-magħmul) Diversi nies kienu jitqiesu bħala li jgħajnu u kienu mistmerra. Jingħad li meta l-iskultur Bormliż Salvu Psaila lesta x-xogħol ta' l-iskultura, xogħol ikkummissjonat minn Kav. Ċensu Brared, li ma kellux ix-xorti li jaraha lesta u mpoġġija fil-Knisja Parrokkjali (sena 1837), meta tniżżlet mill-workshop tiegħu, magħruf bħala l-palazz ta' S. Elena fi Triq Għargħur (proprjetà tal-werrieta ta' Charles Sammut Alessi R I P) għamel bħala lucky charm bomblu li jingħad li għadu jeżisti. Jingħad ukoll li meta kienet tiela fil-kampnar il-qanpiena l-Kbira li saret fil-funderija ta' Prospero Barigozzi f'Milan, tela' magħha raġel. Kien bil-ħila ta' Filippu jew Lippu l-Lupu li permezz ta' sistema ta' chainblocks irnexxielu jwassalha sal-post li tokkupa llum. B'ċajta lill-karkariżi jgħidulhom li għandom il-patata ċatta minħabba li waqgħu fuq il-warrani meta kienu qed itellgħuha. Kont impressjonajt wisq ruħi ta' tifel li kont, meta wara l-karozza ta' l-għarusa kienu jdendlu papoċċa bl-impressjoni li l-attenzjoni ta' min iħares imorru fuq din il-ħaġa stramba. F'bosta djar kont issib xbihat tal-ġibs li juru ċerva bil-qrun twal. Spiss kienu jiġu jbiegħu bil-karettun ta' l-idejn oġġetti tal-ġibs, fosthom dawn iċ-ċriev.

Fost il-festi missirijietna li kienu jqimu kienet il-festa tal-Patruna tagħhom Sta. Elena. Billi l-qofol tal-festa kien ikun filgħodu, purċissjoni solenni li toħroġ fit-8 00 a m, filgħaxija ma jkunx hemm attivitajiet esterni barra dawk ta' ġo t-tempju. Biex jiġbdulhom saqajhom, dawk ta' rħula oħra kienu jgħajruhom li f'jum il-festa filgħaxija, imorru jaqtgħu il-ħarrub. Imma kien hemm twemmin li f'jum is-sejba tas-Salib Imqaddes, Santu Kruċ (3 ta' Mejju), għalkemm ma kienx jum kmandat, min imur jiżra' fir-raba, dak li jiżra' fl-għalqa, idewwidlu u kollox isir suf.

F'Birkirkara hemm diversi kappelli bogħod minn xulxin. Fosthom hemm dik dedikata lil San Rokku, protettur ta' dawk milquta mill-pesta. It-titular ta' din il-kappella, li tgħodd aktar minn 400 sena, hu dedikat lill-Madonna tal-grazzja u fil-kwadru hemm ix-xbiha ta' San Rokku u San Bastjan, Dawn l-aħħar snin kibret fiha wkoll id-devozzjoni lejn Santa Rita ta' Cascia. Jingħad

li fi żmien il-pesta, dawk ir-residenti ta' Triq San Ġiljan 'l fuq mill-kappella, bl-interċessjoni tal-qaddis inħelsu minn dan il-flaġell u b'radd il-ħajr inbniet din il-kappella. Hi mponenti x-xbiha ta' San Rokku life size li tinsab f'niċċa (dan l-aħħar restawrata bis-sengħa) fuq in-naħa ta' barra direzzjoni ta' Triq San Giljan. Wara tmiem il-gwerra tpoġġiet lapida tal-irħam b'tifkira tal-vittmi tat-time bomb li splodiet fis-6 45 a m tal-31 ta' Lulju 1942, il-Vittmi uħud imtertqa ttieħdu go din il-kappella sakemm ġew trasportati post ieħor. Oriġinarjament din il-bomba mixħuta mill-ajruplani ta' l-għadu waqgħet f'post abitat 'l isfel mill-ħanut tal-merċa, qrib Sqaq Biċċier u ġiet maħruġa b'sogru billi semgħuha ttektek u tpoġġiet fit-triq ftit 'l isfel minn fejn kienet ir-residenza ta' Vincenzo Borg Brared, fejn sa fit snin ilu kien joqgħod it-tabib Zammit Maempel u l-familja. F'din it-traġedja tal-bomba jissemma wkoll il-kuraġġ u s-sogru tal-Kanonku Dun Vincens Saliba, wieħed mir-residenti biex isalva persuna li nqabdet fit-tifrik. Rakkont dettaljat inkiteb mill-Perit Mike Ellul, li l-familja tiegħu kienet rifuġjata għand ħu ommu, il-Kanonku Carm. Bezzina. Sa ftit żmien ilu, nhar l-Erbgħa wara l-Għid il-Kbir, il-Kanonċi kienu jmorru proċessjonalment is-Santwarju tal-Madonna tal-Herba bħala radd il-ħajr li t-tempju elenjan ma ġiex milqut minn din il-bomba qerrieda.

Meta ssemmi Triq San Ġiljan, ħsiebi jmur fir-residenza tas-Sajf tal-Beatu Injazju Falzon, kjeriku li kellu żewġ ħutu saċerdoti. F'din id-dar numru 282 jingħad li wara mewt il-Beatu, gabillott li ma kienx jaf b'mewtu, ġie hawn iħallas il-qbiela u Injazju irċieva l-flus u niżżillu r-riċevuta. Din il-dar spazjuża għandha storja konnessa ma' żmien il-gwerra, mhux biss minħabba r-rifuġjati li laqgħet fiha, iżda hawn kienet toqgħod ċerta Saverja Debono, mart Toni li kienet taħsel l-uniformijiet tas-suldati stazzjonati Malta, l-aktar fil-barracks ta St Andrews u San Ġorġ. Sa ftit snin ilu kien għad hemm it-tabella kbira fuq il-bieb kbir bejn żewġ twieqi kbar LUCKY LAUNDRY. Saverja, bniedma dħulija u ta' kuraġġ, kellha ħafna nisa u xbejbiet impjegati magħha biex isir il-ħasil u l-mogħdija tal-ħwejjeġ tas-suldati. Mhux l-ewwel darba li x-xogħol kien isir bis-sahra meta r-riġmenti taslilhom ordni biex jitilqu minn Malta, aktarx diretti għal fuq il-front. ( Niftakar xi ismijiet tar-riġmenti Green Awards, West Kent, Devonshire, Irish Fusuliers). Fi żmien il-fażi tal-postulazzjoni tal-Beatu, kien ġie jara dan il-post wieħed mill-postolaturi, Patri Filguera. Kienu qabdu lili nintroduċih mar-residenti u nakkompanjah fil-kmamar kollha tad-dar.

Fl-istess Triq San Ġiljan fid-dar numru 39 tassew spazjuża u bil-ġonna, jingħad li fi żmien il-Franċiżi kienu jinżammu laqgħat tal-konfoffa. F'wieħed mill-bjar hemm xi bankijiet tal-ġebel. Hemm xi diċeriji li fiha ġie li nstemgħu xi ħsejjes misterjużi u xi nisa li kienu mpjegati mas-Sur Ġużeppi, neguzjant tal-kemmun u għassar ta' l-għeneb, ma kenux jidħlu weħidhom. Fi żmien il-gwerra kiem hemm rifuġjati l-familji Busuttil u Agius Gilibert. Fiha niftakar igħixu l-konti Sur Dward Caruana (Engineer) li kien miżżewweġ lil mara ngliża, Evelyn, konvertita mill-Patri Ġiswita Fr Divine S J u aktar tard is-Sur George Grech ta' Square Deal u attwalment is-Sur Pierre Chamarant u martu Zoe, ulied l-art Franċiża.

Ma naħsibx li ta' min iħalli barra x-xogħol tal-mosaic li kien isir mill-familja Galea mlaqqma tal-mewt. Kienet għamlet fortuna, difatti il-kbir fosthom li kienu midħla tal-Museum, Ġużeppi Galea kien bena d-dar sabiħa u spazjuża tad-duttrina fi Triq Brared u rregalaha lill-fergħa tal-Bniet tal-Museum, post fejn is-San Ġorg Preca f'ħajtu kien spiss iżur biex jgħallem. Kien żmien meta Malta laqgħet il-feruti tal-gwerra u kienu joqgħodu fit-tined ta' fejn il-kappella ta' Santa Margerita li kienet tintuża għas-servizzi reliġjużi (San Gwann ta' l-Għargħar) Xi feruti kienu jinżlu 'l isfel lejn ir-raħal qrib l-Oratorju Festiv fejn kien jaħdem il-mużajk u lil dan għaddewlu ċerta teknika fis-sengħa tal-możajk, l-aktar f'dik li hi taħlita li rreklamat sewwa dan ix-xogħol u rrendietlu sold sewwa.

Issemma l-Oratorju. Dan inbena fuq art tal-knisja ta' Birkirkara li ġiet mogħtija b'ċens perpetwu lil ħaddieħor u dan għamel sub-enfitewsi ħalli jinbena l-post. L-Oratorju nbena fl-1910 u l-bennej kien ċertu Schembri, missier Abraham, li kien inkarigat mir-restawr tal-Knisja ta' Sta Marija. Il-benefatturi kienu n-Nutar Casolani u martu u tant irsista għal dan il-post edukattiv il-Kanonku Dun Mikiel Sammut, Hu bosta drabi kien jieħu ż-żgħażagħ l-Oratorju tas-Salesjani bil-mixi sa tas-Sliema u lura. L-Oratorju kien jitmexxa skond il-metodu tas-Salesjani ta' Dun Bosco. Antonio Bonavia, li jiftakar il-bidu tiegħu jirrakonta li il-Beatu Don Rua, suċċessur ta' Don Bosco żar dan il-post.

Fl-1927 il-post għadda f'idejn is-Societa' Missjunarja ta' San Pawl. Il-Fundatur tas-Societa' Mons Gius Depiro spiss kien jattendi f'dan il-lokal li fl-imgħoddi kien il-mekka tat-tfal subien ta' Birkirkara, fejn kienu jagħmlu wkoll l-ewwel Tqarbina sa meta din ġiet trasferita fil-Parroċċa

Dwar l-iħirsa, fatati u ħwejjeġ misterjużi jissemmew diversi allegati episodji. Ċertu Wenzu Aquilina kien jirrakonta kif fil-kappella ta' San Rokku, il-flixkun ta' l-imbid tal-quddiesa li jkun ippreparat mimli, dejjem isib in-nieqes fih. Kien jirrakonta kif deher donnu qassis liebes il-paramenti suwed, iqaddes il-quddiesa u rasu kienet tidher forma ta' ras ta' mewt. Wenzu kien ikkonkluda li seta' kien il-każ ta' qassis li jew ma laħaqx iċċelebra l-quddies li kellu jqaddes inkella kien hemm xi piż ta' quddies imħolli u li ma ġiex ċelebrat. Veru jew le ma nistax ngħid, iżda l-possibilita' ta' obbligi mhux imwettqa ma nistax niċħadha. Isemmu wkoll ħwejjeġ strambi fil-lokal li llum hu l-Għassa tal-Pulizija fi Triq il-Kbira. Dejjem jekk hu veru, dwar xi dehriet ta' figuri misterjużi, spjegazzjoni xjentifika ma tistax tingħata. Skond informazzjoni li għaddewli, kienu diversi persuni li nnutaw b'avvenimenti inspjegabbli, fosthom membri tal-korp tal-Pulizija. Semmewli dar qadima f'Ħassajjed li dwarha jingħad li nisa li pprovaw igħixu fiha, kienu jaraw persuni misterjużi u ma ssograwx ikomplu hemm. Fi żmien il-gwerra, meta Birkirkara ġiet invaduta mir-rifuġjati jfittxu l-kenn, kienet rifuġjata f'din id-dar, familja li l-mara nzertat għamja u naturalment ma setgħet tara xejn, Dawn kollha huma misterjużi u la trid tkun mazzun biex temmen kollox u mill-banda l-oħra ma tistax teskludi u tiċħad ċerti interventi inspjegabbli. Jingħad li l-qaddis San Gwann Marija Vianne' il-kurat ta' Ars, kien jidhirlu d-demonju, kien isawwtu u sahansitra ġie li raqdu miegħu li parruċċani, imħejjija bl-ixkubetta u malli semgħuh igħajjat, malli ppuntaw l-ixkubetta ma raw lil ħadd

Interessanti hi l-istatwa kbira ta' San Pawl li hemm ma genb il-bieb ewlieni ta' l-Għassa. Il-Qaddis dam tlett xhur f'Malta wara li l-vapur fi triqtu lejn Ruma inkalja ma' blata u l-passiġġieri ħabsin u l-oħrajn li kienu b'kollox 276 sabu kenn fi gziritna. Pawlu ta' Tarsu, bniedem ta' stamina ma kienx kappaċi joqgħod ma jagħmel xejn. Ix-xandir tal-kelma t'Alla wettaqha b'kull riskju għal ħajtu u nistgħu ngħodduha bi żgur li xandarha fi gżiritna. Hemm diċeriji li kull fejn Pawlu pprietka hemm statwa tiegħu. L-oriġini tal-kappella tal-Konverżjoni ta' l-Appostlu fil-Wied ta' Birkirkara, twaqqfet b'tifkira tal-waqfa tiegħu f'dawk l-inħawi. L-istorjografu San Luqa, li kien ma' l-appostlu fil-vjaġġ lejn Ruma ma jsemmi xejn. Imma Luqa kellu għanijiet oħra meta kiteb l-Atti ta' l-Appostli. In-Naxxarin jiftaħru li bil-predikazzjoni bikrija tiegħu fl-inħawi magħrufa bħala San Pawl tat-tarġa, fil-motto tan-Naxxar kitbu Prior credidi Jien l-ewwel li emmint. (Il-motto ta' Birkirkara meħud mill-viżjoni lil Kostantino lest għall-battalja kontra Massenzju, li ġie mirbuħ minnu fuq ponte Milvio: 'In hoc signo vinces' jew 'B'dan is-sinjal tas-salib inti tirbaħ').

Issemmiet id-dar tal-Museum. Mill-ewwel jiġi f'moħħi l-Fundatur il-San Ġorg Preca li fl-1907, hekk kif ġie ordnat qassis ta' bidu għat-tixrid tal-kelma ta' Alla bil-kitba u bil-fomm, kemm għat-tfal u kemm għall-kbar. Min jaf kemm il-darba irrimarkawlu mill-Kurja 'Come insegnare la teologia ai bifolchi' Dawn huma 'ipsissima verba' li smajt minn fommu stess f'waħda mill-konferenzi tiegħu. Fil-program ta' l-evanġelizzazzjoni Dun Ġorg kien imur minn raħal għal iehor, jipprietka kullimkien u lil kulħadd minkejja l-problema tat-trasport. Bdew jinkrew djar apposta biex jitħallew għat-tagħlim. Birkirkara għandha ħafna konnessjonijiet miegħu. Nittama li s-sitt oqsma tal-Museum jiftehmu bejniethom u jiġbru kull dokumentazzjoni relatata ma' dan il-bniedem provvidenzjali li l-Papa Wojtyla li bbeatifikah, ma qagħadx itemtimha li jsejjaħlu it-tieni San Pawl ta' Malta. Papa Ratzinger iddikjarah qaddis u l-parroċċa tas-Swatar iddedikata lilu.

L-ewwel dar stabilita kienet dik tal-Museum Subien fi Sqaq Nannuwa, fejn il-Fundatur kien jgħaddi bosta nofs ta' nhari filgħodu waħdu f'dan il-post jitlob u jimmedita. L-ambjent tal-lokal jiġbdek għax mibni għamla ta' kjostru u meta saret żieda tat-tielet sular taħt is-superviżjoni tal-Perit Mike Ellul, ex-Soċju fl-istess qasam, tkompla skond l-istess stil. Is-Superjur Ġanni Mamo li mill-ħanut tal-merċa kien jilmħu tiela', inewwillu ċ-ċavetta u jeħodlu xi ftit kafe'. L-oqsma tas-Subien fi Triq Brared u qablu dak ta' Triq Santa Marija infetħu snin wara. L-ewwel qasam stabbli tal-Bniet kien dak ta' Brared, fejn is-Superjura attwali Carmen Zammit (Qormi) ħadet ħsieb li ssir statwa tal-fibre fuq l-istess ħorża tal-bir fejn kien ipoġġi biex igħallem lis-semmiegħa miġbura fil-bitħa spazjuża.

Niftakar l-ewwel Superjuri Mary Zammit u Ġulja Galea li għadha ħajja u tgħallem id-Duttrina lit-tfajliet tal-Grizma fil-Qasam ta' Paris. Dan kien ġie mixtri mis-Soċjeta' Mużewmina flok dak tal-Wejter li meta tagħmel ix-xita, il-wied f'gelgul kbir jidħol ġewwa b'mod abbubdanti u jgħarraq kollox. Il-Qasam ta' Triq il-Vitorja infetaħ qablu u ġie ppjanat apposta mill-Perit Ninu Zammit, ex-Soċju ieħor u mibni biex jaqdi l-iskop tat-tagħlim. Is-soċi nisa kienu jiftakru bosta ħwejjeġ devoti li ħadu mingħand il-Fundatur li kellhom fiduċja kbira fil-qdusija tiegħu. Mur ġibhom illum meta jkunu jafu li Dun Gorg fit-3 ta' Gunju 2007 kien ikkanonizzat, mgħolli għall-unur ta' l-artali! Hu kien spiss jgħaddi l-Knisja parrokkjali u qaluli li spiss kien jirreċita l-Liturġija tas-Sigħat mal-Kan. Dun Karm Bezzina u ġie li marru jirreċitaw dan it-talb fil-Kripta. Bosta mill-kleru tal-post għaddew mill-Qasam xvii ta' Sqaq Nannuwa qabel ħaddnu s-saċerdozju, fosthom il-Kanonku Dun Gużepp Zahra, li tant baqa' tul ħajtu marbut miegħu fl-imġieba u fl-istil tat-tagħlim u l-ministeru tiegħu.

Semmejt il-kripta jew il-kannierja fejn sal-1975 kienu jindifnu l-parruċċani. Hemm indifen ukoll Vincenzo Borg Brared, f'qabar li jġib ismu u l-lapida miktuba bil-Latin minn Bonham Frere tinsab konservata mal-ħajt tas-sagristija. Il-Karkariżi għandhom qima kbira lejn nieshom u dawk li ħallewna. Id-dfin kien isir ukoll fil-korsija tal-knisja ta' Santa Marija sakemm b'ordni ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi kellu jintemm minħabba r-rikostruzzjoni. Xorti ħażina messet liċ-Ċimiterju ta' l-Infetti, li xi ħadd ħa l-inizjattiva, battal il-fdal ta' l-iġsma li kienu midfuna hemm, ukoll dawk tat-typhoid ta' żmien it-tieni-gwerra dinjija u bidlu fi ground għall-football u n-nursuries Saru diversi tentattivi biex Birkirkara jkollna ċimiterju tagħna u art estensiva hemm allokata wkoll, fil-limiti tar-Raddiena, Iżda wara li ġiet preżentata l-applikazzjoni,korroborata bi pjanta peritali tal-Perit Albert Fenech, instabet oġġezzjoni mill-MEPA u l-General Service Board, għax fil-boundary walls ma hemmx 183 metru bogħod mill-eqreb abitazzjoni. Din id-distanza ġiet imposta meta l-irħula kien hemm spazju kbir jifridhom, każ li llum hu immaġinabbli. Nistħajjel li Ugo Foscolo, li kiteb il-poeżija Ai Sepolchri, (maqluba għall-Malti mill-Poeta Nazzjonali), jikkwotalna l-versi ta' Ippollito Piedimonte: 'Deorum manium jura sancta sunto jew, ikunu rispettati d-drittijiet ta' dawk li ħallewna'. Għalkemm konna ninsabu fl-istadju ta' l-Appell, (applikazzjoni 07017/99) għabet it- tama li soluzzjoni tinstab. Istabet soluzzjoni fis-sena 2002 għal ċimiterju għall-Misilmin qrib il-moskea ta' Paola, applikazzjoni li saret sentejn wara dik tal-Parroċċa tagħna, billi dawn ma kellhomx aċċess għal dak tat-Torok fil-Marsa. Ma noġġezzjonax għax huma wkoll għandhom dritt li jqimu lill-għeżież tagħhom

Niftakar li fl-1 ta' Novembru ta' kull sena konna mmorru saċerdoti, fratelli u lajċi, f'purċissjoni saċ-ċimiterju tal-Infetti nitolbu b'suffraġju għall-mejtin midfuna f'dak il-post qaddis. Niftakar lill-Kanonku Saliba jurini l-'common grave/ qrib siġra kbira li kien hemm fin-nofs, ta' dawk li hu bħala viċiparroku kien iwassal sal-qabar biex ikollhom difna reliġjuża, li għalkemm morda kellhom dritt għaliha. Is-suffraġI kienu jkunu msemmija aktarx f'kull testment li jsir kif ukoll il-fundazzjonijiet ta' quddies. Dari kienu jitħallew legati għaż-żwieġ u Birkirkara għandna diversi hekk imsejħa Legati di maritaggio. Dawn kienu jitħallew favur xi xebba destinata għaż-żwieġ u kienu jimponu xi kondizzjonijiet li kien jidhrilhom huma per eżempju isem partikulari, jum li fih jiżżewġu, post jew knisja li fiha jkun iċċelebrat iż-żwieġ eċċ.

Għeluq
Ipprovajt nikteb mill-memorja dak li għandu x'jaqsam mas-suġġett propost. Ħallejt bosta hwejjeġ bla msemmija. Forsi f'min jiġu f'idejh dawn in-noti jkompli jelabora fuqhom, jorqomhom u jekk ikun il-każ jippubblikahom

Quod est in votis (li hu mixtieq)

4 ta' Lulju 2011

***Dun Anton Mallia Borg***